# QORTI TA' L-APPELL
# IT-TIENI PARTI
# L-EWWEL SEZZJONI

**13 ta' Jannar, 1998**

**Imħallfin:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D. - A/President**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**
**Onor. Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Mary Xuereb *et*

*versus*

Felicia Camilleri *et*

**Appell - Kawtela - Nuqqas ta' Ħlas - *Deżerzjoni***

*Il-liġi (artikolu 249 tal-Kap. 12) tirrikjedi* ad validitatem *li l-kawtela ta' l-appell trid issir almenu sa lejliet l-ewwel data tas-smigħ. Fin-nuqqas hu dover tal-Qorti ta' l-Appell li tiddikjara d-deżerzjoni ta' l-appell.*

Il-Qorti:-

Din hi sentenza fuq punt proċedurali preliminari ssollevat mill-appellati fis-seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 1996 u ċjoè li l-kawtela saret tardivament billi ma saritx almenu ġurnata qabel l-appell;

*Omissis*;

Jirriżulta mill-atti li l-appell kien ġie appuntat għas-smigħ għat-Tlieta, 7 ta' Mejju, 1996. Jirriżulta ukoll mill-atti li l-kawtela saret dak in-nhar stess tal-prim'appuntament ċjoè fis-7 ta' Mejju, 1996, mentri l-liġi (artikolu 249 tal-Kap. 12) tirrikjedi *ad validitatem* li l-kawtela trid issir almenu sa lejliet l-ewwel data tas-smigħ;

Illi hu ovvju għalhekk li l-vot ta' l-artikolu 249 tal-Kap. 12 ma ġiex osservat bil-konsegwenza li hu dover ta' din il-Qorti tgħaddi biex tiddikjara d-deżerzjoni fit-termini ta' l-artikolu 209 ta' l-istess Kap. 12;

Għal dawn il-motivi u fit-termini ta' l-artikolu 209 (1) tal-Kap. 12, tiddikjara dan l-appell deżert u għalhekk ma tiħux aktar konjizzjoni tiegħu.